**KUNSILL LOKALI NADUR**

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Nadur

## DISA' (9) LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru Sebgħa u Għoxrin (27)

## It-Tnejn, 15 ta' Marzu 2021

Il-Kunsill Lokali tan-Nadur iltaqa' *Online*, fil-5:00pm.

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Edward Said | Sindku |
| Eucharist Camilleri | Viċi Sindku |
| Joseph Vella | Kunsillier |

**UFFIĊJALI PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Sue Ellen Buġeja | Segretarju Eżekuttiv |
| Owen Buġeja | Ambaxxatur taż-Żgħazagħ |

**ASSENTI:**

| | |
|---|---|
| Jean Paul Portelli | Kunsillier |
| Josef Camilleri | Kunsillier |

**MINUTI**

Il-laqgħa bdiet b'talba.

IFFIRMATA
Edward Said
Sindku

IFFIRMATA
Sue-Ellen Bugeja
Segretarja Ezekuttiva

**27.1. Qari tal-ittri ta' l-apoloġiji.**

Kien hemm assenti il-Kunsilliera Jean Paul Portelli u Josef Camilleri.

**27.2. Skemi;**

**Skema Reġjonali –Ambjent 2021-** Ir-Reġjun ta' Għawdex qiegħed jalloka sa' massimu ta' 15,500 euro lil kull Kunsill Lokali. Ix-xogħolijiet li għalihom se jingħata l-finanzjament iridu jsriu tal-31 ta' Diċembru 2023 u l-applikazzjoni trid tiġi sotometta sal-15 ta' Awissu 2021. Is-Sindku ippropona li l-Kunsill japplika fuq il-latrina fi Triq it-Tramuntana u jekk ikun hemm il-bzonn jinħargu madwar 5,000 euro oħra mill-fondi tal-Kunsill. Il-Viċi Sindku, Eucharist issekonda din il-proposta u kien hemm qbil bejn dawk prezenti. Kien hemm qbil ukoll li l-applikazzjoni ser jaħdmu fuqha l-Perit, s-Sindku, s-Segretarja flimkien ma' William Sultana.

**Skema Reġjonali –Kultura Għawdex 2021-** Ir-Reġjun ta' Għawdex qiegħed jalloka sa' massimu ta' 10,000 euro lil kull Kunsill Lokali. Ix-xogħolijiet li għalihom se jingħata l-finanzjament iridu jsiru tal-31 ta' Diċembru 2023 u l-applikazzjoni trid tiġi sotometta sal-15 ta' Awissu 2021. Il-Viċi Sindku, Eucharist Camilleri ippropona li l-Kunsill japplika fuq l-Attivita' tal-Wine Festival u f'din l-applikazzjoni l-Kunsill ma joħrog xejn aktar fondi. Il-Kunsillier, Joseph Vella issekonda din il-proposta u kien hemm qbil bejn dawk prezenti. Kien hemm qbil ukoll li l-applikazzjoni ser jaħdmu fuqha s-Sindku, s-Segretarja flimkien ma' William Sultana.

**Skema Għall-Attivitajiet Kulturali Annwali 2021 maħruġa minn naħa tad-Direttorat għall-Gvern Lokali, Strateġija u Implimentazzjoni ta' Policy –** Is-Sena ta' perjodu tal-implimentazzjoni ha tibda tgħodd minn meta id-Dipartiment tas-Saħħa Pubblika jirrevoka id-direttiva ta' l-attivitajiet tal-massa. L-applikazzjoni trid tiġi sotometta sat-2 ta' April 2021. Il-Viċi Sindku, Eucharist Camilleri għamel mozzjoni li l-Kunsill japplika fuq l-attivita' tal-Karnival 2022 fuq l-ammont ta' 20,000 euro. Is-Sindku, Edward Said issekonda din il-mozzjoni u kien hemm qbil bejn dawk prezenti. Kien hemm qbil ukoll li l-applikazzjoni ser jaħdmu fuqha s-Sindku, s-Segretarja flimkien ma' William Sultana.

**Skema Għall-żvillup u titjib fil-kundizzjonijiet tal-Plying Fields fil-Lokalitajiet f'Malta u Għawdex maħruġa minn naħa tad-Direttorat għall-Gvern Lokali, Strateġija u Implimentazzjoni ta' Policy-** Ix-xogħolijiet li għalihom se jingħata l-finanzjament iridu jsiru sad-29 ta' Lulju 2022 u l-applikazzjoni trid tiġi sotometta sal-24 ta' April 2021. Is-Sindku ippropona li tiġi applikata l-playing

field tal-Ħali bl-ammont ta'madwar 17,000 euro fuq fanali, maintenance, injam fil-gazebo u *gym equipment* waħda. Il-Kunsillier, Joseph Vella għamel suġġeriment biex isir ukoll tip ta' *Tactile and Visual Stimulate textured wall*. Il-Kunsillier Joseph Vella għamel mozzjoni fuq dan il-proġett kif ġie spjegat. Il-Viċi Sindku, Eucharist Camilleri issekonda din il-mozzjoni u kien hemm qbil bejn dawk prezenti. Kien hemm qbil ukoll li l-applikazzjoni ser jaħdmu fuqha l-Perit, s-Sindku, s-Segretarja flimkien ma William Sultana.

**Skema *Restoration Works Scheme for Gozitan Local Councils 2020*- ECO Gozo-MGOZ-** Il-MGOZ approva l-applikazzjoni tal-Kunsill Lokali bl-ammont ta' 7,225 euro excl.VAT fuq restawr tal-Monumnet tal-FECC tal-Karnival. Il-Proġett irrid ikun lest sa' l-aħħar ta' Settembru 2021. Is-Sindku innota li trid tinħareg offerta li ser isir bl-għajnuna ta' William Sultana, Is-Sindku u s-Segretarja. Hu qal li hemm stima li dan ix-xogħol ser jiswa madwar 10,000 euro u għalhekk il-Kunsill irid joħrog parti minnhom mill-fondi tal-Kunsill. Is-Sindku għada mozzjoni li ġiet issekondata minn Joseph Vella u kien hemm qbil bejn il-Kunsilliera l-oħra prezenti.

***Skema Outdoor gym Assistance for Gozitan Local Councils 2020*- ECO Gozo-MGOZ-** Il-MGOZ approva l-applikazzjoni tal-Kunsill Lokali bl-ammont ta' 2,074 euro excl.VAT fuq gym equipment waħda u safety mats fil-Belvedere tad-Duru. Il-Proġett irrid ikun lest sa' l-aħħar ta' Settembru 2021. Is-Sindku innota li inħargu kwotazzjonijiet li x-xogħol ser isir bl-għajnuna tal-Perit, Is-Sindku u s-Segretarja. Hu qal li ix-xogħol ser jiġi jiswa madwar 5,000 euro u għalhekk il-Kunsill irid joħrog parti minnhom mill-fondi tal-Kunsill. Is-Sindku għada mozzjoni li ġiet issekondata minn Eucharist Camilleri u kien hemm qbil bejn il-Kunsilliera l-oħra prezenti.

**Skema 2021-2023- Fondi mill-Agenzija għall-Infurzar Lokali lill-Kunsilli Lokali u Kumitati Reġjonali-** Is-Sindku innota li ħarget din l-iskema b'deadline fil-qrib wisq fit-30 ta' April 2021. Is-Sindku kompla jgħid li għandu informazzjoni li din l-applikazzjoni ser terġgħa tinħareġ peress li ma' ġietx diskussa ma' AKL u għalhekk ser nistennew u meta toħrog terġgħa s-Sindku ippropona li tiġi applikata l-latrina l-ġdida ta' San Blas. Kien hemm suġġerimenti oħra mingħand il-Kunsillier Joseph Vella fuq xiri ta' van/truck. Il-Viċi Sindku, Eucharist Camilleri għamel suġġeriment fuq il-Ġibjun. Din l-applikazjoni ser terġgħa tiġi diskussa meta tinħareġ.

Il-Viċi Sindku, Eucharist Camilleri innota li l-applikazzjoni tal-Belt Kulturali 2022 miexi ix-xogħol fuqha u Daniel Meilak għandu kollox informazzjoni u hemm bzonn ta' photographer biex jintuzaw ritratti għal din l-applikazzjoni. Kien hemm qbil fuq dan kollu.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Edward Said | Sue-Ellen Bugeja |
| Sindku | Segretarja Ezekuttiva |

**27.3. Update- Triq l-Imgarr;**

Is-Sindku innota li x-xogħol kompla miexi f'din it-triq u kien hemm site visit fi Triq l-Imgarr fejn kien hemm prezenti il-Ministru għal Għawdex u n-NYFC. Il-Ministru aċċetta li titħammel biċċa oħra biex titħalla vojta għal storage etc. Il-grawnd mhux ser jintmess dejjem jekk ma' jiġri xejn waqt li jkunu jsiru ix-xogħolijiet.

**27.4. Update- Passaġġ fi Triq San Blas;**

Is-Sindku innota li l-perit ippreżenta d-dettalji u dokumenti kollha ta' kif ser tiġi l-istruttura għal dan il-passaġġ ta' l-injam u ħadid fil-Wied ta' San Blas. Wara li l-Perit talab il-clearance lid-Dipartiment tal-Artijiet, dawn tal-aħħar talbu approvazzjoni mid-Direttur tal-Gvern Lokali (DLG). Is-Segretarja bgħatet kollox lid-DLG u ġiet mitluba minn naħa tad-direttur deskrizzjoni ħafifa tal-proġett propost, kemm ser jiġi jiswa u kif ser jiġi finanzjat jekk il-proġett, u anke jekk ser jiġi finanzjat mill-fondi tal-Kunsill Lokali, dikjarazzjoni li l-Kunsill huwa f'pożizzjoni li jiffinanzja tali proġett. Kien hemm qbil unanimu mill-Kunsilliera sabiex inkomplu mexjin b'dan il-proġett bżonnjuż.

**27.5 Tmiem tal-laqgħa.**

Il-laqgħa spiċċat fis-6:00p.m.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Edward Said | Sue-Ellen Bugeja |
| Sindku | Segretarja Ezekuttiva |